MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 118/2007/1

**Maria Stella Abela**

**v.**

**Nazzareno sive Reno Abela**

**Il-Qorti,**

Illi dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru 2011 li in forza taghha ddisponiet mir-rikors tal-appellanti bil-mod segwenti:-

“1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti b’tort tal-partijiet indaqs u tawtoriżżahom jgħixu separatament;
“2. Tilqa’ t-tieni talba b’effett immedjat;
“3. Fir-rigward tat-tielet talba, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna li l-attriċi tiġi assenjata l-fond 37, Thomastown Triq Ġuże Borg San Gwann li jiswa €372,800 u l-għamara ta’ fiha stmata €8,000; il-fond garaxx numru 102, Triq Ġuże Borg, San Gwann li jiswa €28,000 u għalhekk għall-valur komplessiv ta’ €408,800; il-vetturi bin-numru ta’ reġistrazzjoni BBH064 (Nissan Sunny) u DBF823; l-konvenut jiġi assenjat il-proprjetajiet l-oħra, u ċjoe’ l-appartamenti Flat 1, New Orleans Flats, Triq il-Gandoffli Buġibba u numru 2 Tudor Court Triq Pietru Xuereb, Gwardamangia li jiswew rispettivament €104,580 u €144,460, u garaxx 38, Triq il-Ħaddiema, Hal-Qormi li jiswa €151,450 u l-kreditu kontra Sallyanne Abela għall-valur ta’ €12,811 għall-valur komplessiv ta’ €413,301 u għall-fini ta’ ewkiparazzjoni għandu jħallas lill-attriċi għal darba waħda s-somma ta’ €2,250.50 u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AAB 535 (Peugeot 406). Il-flus depożitati fir-reġistru tal-Qorti u dawk depożitati f’isem il-partijiet sija waħedhom u sija flimkien f’kontijiet bankarji f’Malta u fl-esteru u titolu kollha ta’ kreditu u titoli fil-Borża ta’ Malta u fi skemi ta’ investimenti kollettivi għandhom jinqasmu f’ishma indaqs bejn il-partijiet. Id-dritt tal-attriċi għal sehem tagħha mis-somma flus li ħa l-attur mat-temm tal-impjieġ tiegħu tibqa’ impreġudikata.
Il-Qorti taħtar lin-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana biex tippublika l-att relattiv u l-Avukat Dottor Geraldine Baldacchino bħala kuratur tal-eventwali kontumaċji; u l-ispejjeż tiegħu għandhom jitħallsu mill-partijiet f’ishma indaqs.

”4. Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba’ talba minħabba nuqqas ta’ provi mill-partijiet.

“L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu ndaqs bejn il-partijiet.”

“u dan, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet

"Illi kif ġja' ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Il-kawża naturalment kienet kontestata ħafna u l-Qorti setgħet tara li l-partjiet irrispondew lil xulxin diversi drabi dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin. Il-Qorti għalhekk se tittratta l-vertenzi f'paragrafi għalihom. Hawnhekk għandu jingħad li t-tfal li kellhom il-partijiet miż-żwieġ huma maġġorenni u allura l-Qorti m'għandhiex deċiżjonijiet x'tieħu fir-rigward.

"**TORT**

"Kif ġja' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; l-attriċi fl-affidavit tagħha tgħid li l-konvenut uża vjolenza fuqha diversi drabi u din il-vjolenza kienet kemm fiżika u kemm psikoloġika u anke li żewġha kkometta adulterju. Il-konvenut da parti tiegħu jallega li martu kellha relazzjoni ma' persuni oħra. Il-Qorti ma tħossx illi għandha tiddilaga fit-tul dwar dan għaliex irriżulta ampjament illi l-attur ikkometta ċertament inġurji gravi fil-konfront ta' martu u l-ispjegazzjonijiet li pprova jagħti ma kienu konvinċenti xejn. Jirriżulta żgur li kellu ħbiberiji ntimi ma' mara oħra u jekk ma saritx prova konkreta ta' adulterju saret żgur kif ġja' ngħad dik tal-inġurji gravi. Da parti tiegħu l-konvenut esebixxa DVD meħud minn 'investigatur privat' li pero` jindika ċar illi anke l-attriċi kellha relazzjoni adultera ma' ċertu Bartolo. F'ġimgħa fl-2007 dawn iltaqgħu kważi kuljum u jidher li kellhom x'jaqsmu għall-inqas tlett darbiet. Dan jindika relazzjoni li kienet għaddejja sew.

"Illi għaldaqstant il-Qorti tħoss li l-partijiet it-tnejn għat-tifrik taż-żwieġ u spiċċaw jgħixu f'*'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune*'. (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"** – Prim' Awla 13 ta' Ġunju 1967).

"**MANTENIMENT**

"Il-Qorti fil-bidu tal-proċeduri kienet iddegretat manteniment ta' Lm250 fix-xahar. In vista ta' dak li ġia ingħad il-Qorti jidhrilha li l-attriċi ddekadiet minn dan id-dritt u għalhekk il-Qorti qed ittemm l-effetti tad-digriet tagħha dwar il-manteniment b'effett immedjat. Il-Qorti qed tagħmel dan f'dan l-istadju għaliex x'aktarx bi svista ma saret ebda talba għall-manteniment fir-rikors promotur.

"**PROPRJETA'**

"**Beni immobbli:**

"Il-partijiet bejniethom bħala komunjoni tal-akkwisti jipposjedu erba' proprjetajiet immobbli li ġew stmati a fol 78 *et sequitur* mill-AIC Mario Cassar li ġie nkarigat mill-partijiet stess konġuntivament. Dawn huma:

"*Flat 1, New Orleans Flats, Triq il-Gandoffli Bugibba* – stmat €104,580;

"*Fond numru 37, Thomastown, Triq Guze' Borg, San Gwann* – stmat €372,800;

"*Garaxx numru 38, Triq il-Ħaddiema, Qormi* – stmat €151,450;

"*Appartament numru 2, Tudor Court, Triq Pietru Xuereb Gwardamangia* – stmat €144,460;

"*Garaxx numru 102, Triq Guze Borg, San Gwann* – jiswa €28,000.

"**Beni mobbli:**

"Il-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji li huma kollha appartenenti għall-komunjoni tal-akkwisti u allura għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom. Hemm imbaghad naturalment il-mobbli fid-dar li għal xi raġuni ebda waħda mill-partjiet m'għamlet talba għal stima – għalkemm jidher li l-allegazzjoni tal-attriċi li jiswew *circa* €8,000 ma ġietx kkontestata, u għaldaqstant il-Qorti se tqisha bħala korretta – u din mhix l-unika ħaġa li fiha l-

Qorti tħossha li kien hemm nuqqasijiet mill-partijiet fil-konduzzjoni tal-kawża. Per eżempju anke l-vetturi li għalihom tagħmel riferenza l-attriċi lanqas biss l-iċken dettall ma ngħata tagħhom u wisq inqas ma saret stima. Naturalment in-nuqqas kien aktar tal-attriċi għaliex hija riedet iġġib il-prova tal-konsistenza tal-komunjoni. Imbagħad l-akbar nuqqas tagħha kien li filwaqt li tagħmel riferenza ħafifa lejn flus li tgħid li l-konvenut daħħal wara nċident fuq il-post tax-xogħol u somma oħra 'kbira' li pperċepixxa għaliex temm l-impjieġ tiegħu x-Xatt, ma ressqet ebda prova f'dan ir-rigward u l-Qorti ma tistax toqgħod tiddeċiedi fuq hekk b'mod daqshekk *leggier*. Lanqas ma l-attriċi kellha tistenna li l-Qorti tagħmlilha x-xogħol meta dan messha għamlitu hi. Madankollu l-Qorti kif ġja' għamlet f'kawżi oħra, tħoss li jekk tibqa' għaddejja qisu ma ġara xejn in effetti l-attriċi tkun qed tiġi mċaħħda minn flusha nġustament u għalhekk se tħalli mpreġudikat id-dritt tagħha f'dan ir-rigward anke għaliex jidher li dan ġara meta l-provi kienu ġja' magħluqa, għalkemm ma hemmx għalfejn wieħed jgħid li dan kien nuqqas serju ħafna da parti tal-konduzzjoni tal-kawża tal-attriċi. Dwar il-vetturi l-Qorti se jkollha toqgħod fuq il-ftit provi li ressaq il-konvenut fir-rigward, u se tassenjahom kif indika hu u tqis li l-valur rispettivi tagħhom ikunu indaqs kif issuġġerixxa l-istess konvenut.

"Illi l-attriċi ssostni li l-konvenut silef somma ta' aktar minn €12,000 lil binthom Sallyanne; għalkemm ma saritx xi prova lampanti l-Qorti jidhrilha li hemm indikazzjonijiet biżżejjed biex tikkonkludi li dan il-kreditu jeżisti. Billi s-self sar mill-konvenut il-Qorti se tordna li dan il-kreditu jiġi assenjat lilu, naturalment bl-obbligu li jħallas nofsu lill-attrici.

"Il-Qorti pero` mhijiex se taċċetta t-tezi tal-konvenut li l-attriċi għandha tirritorna lura l-flus li huwa qed jallega li hija ġibdet mill-bank matul il-perjodu msemmi minnu, għaliex dan il-ħruġ sar fiż-żmien li l-partijiet kienu għadhom jgħixu flimkien jew għall-inqas qabel ma nbdew il-proċeduri, u għalhekk il-preżunzjoni hija li dawn il-prelevamenti saru għall-bżonnijiet tal-familja; wieħed

hawn ma jridx jinsa li l-konvenut ma ħallasx manteniment anke għal żmien twil wara li l-Qorti ordnatlu jagħmel dan.

“Illi rigward it-teżi attriċi li hija ma tistax tiddekadi mid-dritt tal-manteniment minħabba li ma hemmx kontro-talba, din hija palesament infondata għaliex bħala attriċi t-talbiet tagħha ma jridux ikunu neqsin mill-elementi biex it-talbiet jiġi akkolti; għalhekk billi fil-każ preżenti hemm nuqqas f’dan ir-rigward il-Qorti tista’ ċertament ma tilqax it-talbiet tagħha; fejn il-Qorti ma tistax tipprovdi għaliex m’għandhiex talba hija fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 48 sa 53 tal-Kapitolu 16; hawnhekk il-Qorti se tilqa’ t-talba attriċi għaliex tirriżulta iżda ma tistax tipprovdi fil-konfront tagħha għaliex talba għal dan m’għandhiex.

“**DEJN**

“Illi l-Qorti ma jirriżultalhiex li l-partijiet għandhom xi dejn.”

Rat ir-rikors tal-appellanti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:-
“Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi kollha prodotti u dawk producibbli skont il-ligi, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghogobha tilqa’ t-talba kif dedotta fl-istess rikors;

“(a) thassar, tirrevoka u tikkancella d-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fid-disgha (9) ta’ Novembru 2011 fil-kawza fl-ismijiet “Maria Stella Abela vs Nazzareno sive Reno Abela” (Rikors Guramentat Numru 118/2007 JA) ghar-rikors imressaq mill-istess esponenti fis-sebgha (7) ta’ Novembru 2011, u tilqa’ t-talba kif dedotta fl-istess rikors;

u

“(b) tirriforma u tbiddel is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-ghaxra (10) ta’ Novembru 2011 fl-ismijiet “Maria Stella Abela vs Nazzareno sive Reno Abela” (Rikors Guramentat Numru 118/2007 JA) billi:

“(i) thassarha u tirrevokaha fejn sabet li l-esponenti jahti daqs l-attrici ghat-tkissir taz-zwieg, u ssib minflok li l-htija li tkun akbar minn dik li tigi attribwita lill-esponenti;

“(ii) thassarha u tirrevokaha fejn ma laqghetx is-seba’ eccezzjoni tal-esponenti, u minflok tapplika d-dispozizzjonijeit tal-Artikolu 48 *et sequitur* tal-Kodici Civili fil-konfront tal-attrici appellata;

“(iii) thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn giet likwidata l-kommunjoni tal-akkwisti u fejn saru l-assenjazzjonijiet rispettivi, u minflok tvarja l-istess likwidazzjoni u assenjazzjoni konsistentement mal-aggravji dedotti mill-esponenti f’dan l-umli rikors;

“(iv) thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn gie ddikjarat li l-ispejjez tal-kawza jithallsu ndaqs bejn il-partijiet, u takkolla lill-attrici appellata l-ispejjez kollha, jew sehem akbar minn dawk l-ispejjez, u

“(v) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija taghha.

“u dan bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-attrici appellata.”

Rat ir-risposta tal-appellata, li biha filwaqt li rrispondiet ghar-rikors tal-appellant, ipprezentat Appell Incidentali li permezz tieghu, u ghar-ragunijiet minnha ndikati fl-istess risposta, talbet li:
“Ghaldaqstant, l-attrici appellanti, filwaqt li taghmel riferenza ghall-atti tal-kawza, ghall-provi prodotti kif ukoll ghall-atti ta’ dan l-appell, u fil-waqt li tirriserva minn issa d-dritt li tressaq dawk il-provi ammissibbli f’dan l-istadju tal-proceduri skont il-ligi, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, fil-waqt li tichad l-appell interpost mill-konvenut, taghti dawk il-provvedimenti li huma mehtiega fic-cirkostanzi, tvarja s-sentenza appellata tal-10 ta’ Novembru 2011 fl-ismijiet fuq premessi senjatament f’dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti konsistentement mal-aggravji dedotti mill-esponenti f’dan l-umli rikors ghall-motivi hawn sottomessi

u mill-bqija tikkonferma l-istess sentenza tal-10 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet fuq premessi, bl-ispejjez tal-appell kontra l-konvenut."

Rat ir-risposta tal-appellant ghall-appell incidentali li, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab li:
"Ghaldaqstant, in vista tal-premess u wkoll ghal dawk ir-ragunijiet ulterjuri li jistghu jigu spjegati u mfissrin waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-appell incidentali tal-attrici ghandu jigi michud bl-ispejjez, u l-attrici ghandha wkoll tigi kkundannatha thallas lill-esponenti spejjez doppji a tenur tal-Artikolu 223(4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, peress illi l-appell incidentali taghha huwa wiehed fieragh u vessatorju."

Rat l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

**Il-Fatti**

Illi l-partijiet izzewwgu fit-30 ta' Mejju 1971, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal li llum huma maggjorenni. Meta zzewwgu kienu ghamlu zmien joqghodu l-Awstralja, izda mbaghad nizlu joqghodu Malta definittivament, ghalkemm l-appellant kien ghamel xi zmien jghix wahdu l-Awstralja.

Illi matul il-konvivenza matrimonjali l-partijiet kienu f'konflitt kostanti bejniethom, u okkazzjonalment, anke fil-konfront ta' uhud mit-tfal taghhom. L-inkwiet bejn il-partijiet aggrava bil-fatt li l-appellata kellha suspett kontinwu li zewgha kien qed ikun infidil lejha.

Illi lejn l-ahhar tal-konvivenza kien hemm okkazzjoni meta l-appellata kienet telqet mid-dar b'rabja u marret tghix wahedha go *guest-house* ghal circa xahar u nofs, minhabba l-inkwiet ma' zewgha u ma' bintha l-kbira. Sussegwentement, wara li zewgha sab fejn kienet, u wara diversi promessi maghmula lilha minnu, hija regghet irritornat lura d-dar.

Izda wara ftit taz-zmien l-inkwiet kompla, u pprecipita meta f'Awissu 2006 l-appellata kienet rat lil zewgha, l-appellant jizfen b'certu mod ma' certu Lucy, go *nightclub*. Rizultat ta' dan, il-partijiet gew fl-idejn, u l-appellata sofriet griehi ta' natura hafifa. Sussegwentement kien sehh incident iehor ghal habta ta' Dicembru tal-istess sena li fih l-appellata wkoll sofriet griehi ta' natura hafifa, bir-rizultat li lejn l-ahhar tal-istess xahar din telqet mid-dar, u marret tghix ghand ohtha.

Illi ftit wara s-separazzjoni *de facto*, l-appellata ltaqghet ma' certu Mario Bartolo, u eventwalment dahlet f'relazzjoni mieghu.

Illi l-ewwel Qorti sabet li z-zewg partijiet kellhom tort ghat-tkissir taz-zwieg u osservat: ".. irrizulta ampjament li l-attur ikkommetta certament ingurja gravi fil-konfront ta' martu u l-ispjegazzjonijiet li pprova jaghti ma kienu xejn konvincenti. Jirrizulta zgur li kellu hbiberiji ntimi ma' mara ohra u jekk ma saritx prova konkreta ta' adulterju saret zgur kif gja nghad dik tal-ingurji gravi …….. pero` [irrizulta] car li anke l-attrici kellha relazzjoni adultera ma' certu Bartolo. F'gimgha fil-2007 dawn iltaqghu kwazi kuljum u jidher li kellhom x'jaqsmu ghall-inqas tlett darbiet. Dan jindika relazzjoni li kienet ghadejja sew." Il-Qorti osservat ukoll li l-partijiet kienu hatja ta' sevizzi fil-konfront ta' xulxin li rrendew insapportabbli l-konvivenza konjugali.

<u>L-ewwel aggravju</u> u <u>s-sitt aggravju</u> – Dawn l-aggravji, huma konnessi, u huma fis-sens li, gjaladarba l-Qorti sabet lill-appellata hatja ta' adulterju, li hija kawza ta' separazzjoni aktar gravi minn dik ta' ngurji gravi li taghhom instab hati l-appellant, allura l-ewwel Qorti kellha ssib li l-htija tal-appellata kienet ferm aktar gravi minn dik tal-appellant; u din id-differenza fil-piz tat-tortijiet kellha tigi riflessa fil-kap tal-ispejjez.

Min-naha taghha l-appellata tichad li hi kienet f'relazzjoni adulteruza, u tattribwixxi t-tort kollu lill-appellant li, apparti li kien hati ta' adulterju, kien ukoll isawwat lill-appellata, u kkommetta abbuzi ohra fil-konfront taghha tant li hi kienet

kostretta li titlaq mid-dar konjugali u tmur tghix ghand ohtha.

Illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti attribwiet tort indaqs lill-partijiet, u ordnat li l-ispejjez jinqasmu bin-nofs.

Fir-rigward, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti kemm dwar l-qsim ugwali tar-responsabbilita` ghas-separazzjoni kif ukoll tal-ispejjez relattivi. Mill-provi jirrizulta ampjament li, filwaqt li l-adulterju da parti tal-appellata sehh ghall-habta ta' Ottubru 2007, u cioe` disa' xhur wara li din telqet mid-dar matrimonjali minhabba l-inkwiet bejn il-partijiet, l-ingurji gravi da parti tal-appellant sehhew matul il-konvivenza matrimonjali, u kienu kawza ta' hafna glied u nkwiet bejn il-partijiet. Ghaldaqstant, din il-Qorti, thoss li, fic-cirkostanzi tal-kaz, id-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward kienet wahda gusta u sostnuta mill-provi.

Ghaldaqstant l-aggravji odjerni jitqiesu bhala infondati.

<u>It-tieni aggravju</u> – Dan l-aggravju huwa fis-sens li, gjaladarba l-ewwel Qorti sabet lill-appellata hatja ta' adulterju, din id-determinazzjoni kellha ggib maghha l-applikazzjoni fl-intier tieghu tal-Artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront taghha; u l-Qorti kellha tistabbilixxi data minn meta l-parti l-hatja kellha titqies li kienet saret hekk hatja; u dan ukoll ghall-finijiet tal-Artikolu 48[c] tal-istess Kap.

Min-naha taghha l-appellata tkompli tishaq li hi ma kienitx ghamlet adulterju, u lanqas kienet abbandunat lil zewgha kif allegat mill-appellant, u li ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu tal-ligi.

Illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti skartat it-tezi tal-appellata li, gjaladarba ma hemmx kontro-talba, allura din ma setghetx tiddekadi mid-dritt taghha ghal manteniment, izda osservat
*"fejn il-Qorti ma tistax tipprovdi ghaliex m' ghandhiex talba hija fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 48 u 53 tal-Kapitolu 16; hawnhekk il-Qorti ser tilqa' t-talba attrici ghaliex tirrizulta, izda ma tistax tipprovdi fil-konfront taghha ghaliex talba ghal dan m' ghandhiex."*

Izda, fis-sezzjoni ntestata "Manteniment" l-ewwel Qorti osservat hekk:
"*jidhrilha li l-attrici ddekadiet minn dan id-dritt u ghalhekk qed ittemm l-effetti tad-digriet taghha dwar il-manteniment b'effett immedjat*."

Fir-rigward, il-Qorti tosserva li f'kawza ta' separazzjoni personali fejn tigi ezaminata r-raguni tal-firda, u l-htija ta' parti jew ohra, jew tat-tnejn, il-Qorti, anke fl-assenza ta' kontro-talba, bilfors trid tippronunzja ruhha fuq il-htija, anke jekk din tkun tal-attrici, kemm jekk tkun kontributorja kif ukoll jekk tkun esklussiva. F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti ddecidiet li l-htija kienet tirrisjedi fuq iz-zewg partijiet f'proporzjon ugwali, nonostante li ma hemmx kontro-talba da parti tal-appellant, ghalkemm kien hemm eccezzjoni kemm fis-sens li l-htija tas-separazzjoni kienet tal-attrici, kif ukoll li kienet hi li ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment; u l-Qorti, kif fil-fatt ghamlet, kellha l-obbligu li tippronunzja ruhha, anke fir-rigward tal-attrici; multo magis, meta l-istess appellata fir-rikors promotur qed titlob ukoll il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Ghalhekk kien fil-kompetenza tal-ewwel Qorti li tirrponunzja ruhha, anke fuq l-htija tal-appellata; u gja` ladarba l-htija taghha kienet tikkonsisti f'adulterju, allura dan jirrendi applikabbli ex lege d-dispost tal-Artikolu 48 fil-konfront taghha; salv ghad-diskrezzjoni moghtija lill-Qorti fl-Artikolu 52 tal-Kap.16, liema artikolu jaqra hekk:
"Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda".

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-appellata ccitat sentenza moghtija fil-kawza, *Appell Civili Maria Concetta Cunningham pro et noe vs Andrew James Cunnigham* deciza fil-11 ta' Frar 1966, biex issostni t-tezi taghha maghmula fin-nota tal-osservazzjonijiet, fis-sens li

gjaldaraba ma kienx hemm kontro-talba da parti tal-appellant, allura l-Qorti ma setghetx tiddikjara d-dekadenza taghha mid-dritt li tircevi manteniment. F'dik il-kawza, kien gie osservat obiter hekk: "F'dawn ic-cirkostanzi l-appellant ma' ghandux mod iehor skont il-ligi kif jista' jezonera ruhu mill-obbligu tieghu li jmantni lil martu hlief billi jottjeni, jekk jista', dikjarazzjoni tad-dekadenza taghha minn dan id-dritt f'kawza ta' separazzjoni."

Din il-kawza, citata mill-appellata, ma tghin bl-ebda mod lill-appellata fit-tezi taghha ghax l-azzjoni proprosta f'dik il-kawza kienet biss wahda sabiex ir-ragel, allura konvenut, jissomministra manteniment lil martu, allura attrici, u xejn aktar; u allura f'dik il-kawza l-Qorti kellha xenarju fattwali u guridiku differenti minn dak tal-kawza odjerna fejn qed tintalab is-Separazzjoni Personali, determinazzjoni ta' htija ghall-istess, u xoljiment, likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk f'azzjoni simili l-Qorti ma tistax ma tapplikax l-Artikolu 48 fejn dan ikun applikabbli.

Ghaldaqstant, u tenut kont li l-ewwel Qorti sabet lill-attrici hatja ta' adulterju fis-sena 2007, u li strahet fuq l-evidenza tal-investigaturi privati li tirreferi ghall-ewwel gimghatejn tax-xahar ta' Ottubru ta' dik is-sena, allura kellha tigi stabbilita d-data tal-15 ta' Ottubru 2007 bhala d-data li fiha l-attrici nstabet hatja tas-separazzjoni; u d-dispost tal-Artikolu 48 fl-intier tieghu ghandu japplika fil-konfront tal-appellata wkoll.

Din il-Qorti tosserva li japplika ghall-kaz odjern dak li osservat din il-Qorti fil-kawza ***Appell Civili Giovanna Cardona v. Carmelo Pisani*** deciza 4 Novembru 1957 [Vol.XL1C.I.507], li kienet tirrigwarda kontestazzjoni dwar estensjoni ta' bicca art suggett ta' konvenju, "huwa kompitu tal-Qorti li fil-kawza tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet u tal-kontro-eccezzjonijiet kollha li jigu moghtija in konnessjoni mal-meritu li tkun qeghda tezamina u tirrizerva biss ghal gudizzju iehor gdid li jkollu jigi propost apposta, u ghalhekk tissoprassjedi, meta l-kwestjoni mqajma bl-eccezzjoni jew kontro-eccezzjoni ma

tkunx sollevabbli "ope exceptionis", jew ma tkunx tal-kompetenza taghha, inkella, kif intqal, fl-interess gravi tal-gustizzja jkun jaqbel li jsir hekk .

Ghalhekk dan l-aggravju jirrizulta fondat.

It-tielet aggravju – Dan l-aggravju jirrigwarda s-somma ta' €12,000 jew aktar [€12,811], kreditu pretiz minn Sallyanne, bint il-partijiet, u li dwaru l-ewwel Qorti osservat hekk: "L-attrici ssostni li l-konvenut silef somma ta' aktar minn €12,000 lil binthom Sallyanne; ghalkemm ma saritx xi prova lampanti l-Qorti jidhrilha li hemm indikazzjonijet bizzejjed biex tikkonkludi li dan il-kreditu jezisti. Billi s-self sar mill-konvenut il-Qorti ser tordna li dan il-kreditu jigi assenjat lilu, naturalment bl-obbligu li jhallas nofsu lill-attrici."

L-appellant isostni li "dan il-kreditu ma ssemma' qatt, u ssemma' l-ewwel darba biss fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici appellata…..illi minn imkien mill-atti ma tirrizulta l-icken referenza, u wisq anqas prova, dwar dan il-kreditu, u dan minkejja li kemm l-attrici, u kemm Sallyanne Sacco stess xhedu estensivament waqt dawn il-proceduri."

L-appellata tghid li "jezisti kreditu ta' €12,811.55 rapprezentanti self ta' flus lil bint il-partijiet Sallyanne Sacco, u dan a bazi ta' zewg skritturi privati tas-7 ta' Jannar 2005 u tat-22 ta' Dicembru 2005". Tghid li l-ewwel Qorti "deherilha li hemm indikazzjonijet bizzejjed biex tikkonkludi illi tali kreditu ghadu pendenti sallum."

Fir-rigward, il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-imsemmija Sallyanne Sacco xhedet darbtejn permezz ta' affidavits, wiehed estensiv datat 28 ta' April 2008 u l-iehor datat 1 ta' Lulju 2008, imkien ma semmiet dan l-allegat kreditu. Inoltre, tenut kont li l-appellata, fir-risposta taghha ghal dan l-appell, tallega l-ezistenza ta' zewg skritturi fir-rigward, dawn ma gewx ezebiti; u din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti kellha tezigi l-aqwa prova u mhux tistrih fuq "indikazzjonijiet"; *multo magis* f'kazijiet bhal dawn in disamina fejn hafna drabi parti jew ohra, jew it-tnejn, jaghmlu manuvri lleciti jew jallegaw transazzjonijiet finti bl-

iskop li jiehdu mill-komunjoni tal-akkwisti sehem akbar minn dak dovut lilhom bil-ligi.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat.

<u>Ir-raba' aggravju</u> – Dan l-aggravju jirrigwarda s-segwenti zbanki li saru mill-attrici, mid-diversi kontijiet bankarji li kellhom il-partijiet, matul il-konvivenza matrimonjali:-

LM3,000 – 23 April 2003
LM3,000 – 27 Dicembru 2003

LM3,019 – 23 April 2004
LM5,803 – 18 Gunju 2004
LM5,025 – 4 Novembru 2004

LM5, 000 – 20 April 2005 sa 22 Lulju 2005
LM11,549 – 23 Settembru 2005
LM3,191 – 23 Settembru 2005

LM6,000 - 12 Jannar 2006
LM11,800 – 5 Gunju 2006 sa 5 Dicembru 2006
LM8,240 – 30 Awissu 2006
LM14,340 – 3 Ottubru 2006

Illi l-appellant ihossu aggravat mid-decizjoni tal-ewwel Qorti meta ma accettatx it-tezi tieghu li l-attrici ghandha tirritorna lura l-flus li huwa jallega li gibdet mill-bank matul il-perijodu msemmi minnu, fuq il-bazi li, skont l-istess Qorti, "….. dan il-hrug sar fiz-zmien li l-partijet kienu ghadhom jghixu flimkien jew ghall-anqas qabel ma nbdew il-proceduri, u ghalhekk il-prezunzjoni hija li dawn il-prelevamenti saru ghall-bzonnijiet tal-familja; wiehed hawn ma jridx jinsa li l-konvenut ma hallasx manteniment, anke ghal zmien twil wara li l-Qorti ordnatlu jaghmel dan."

L-appellant iressaq is-segwenti ragunijiet ghaliex ihossu aggravat b'din id-decizjoni tal-ewwel Qorti, u jhoss li l-prezunjoni *juris tantum*, li dawn l-izbanki saru ghall-bzonnijiet tal-familja, tinsab ribattuta bis- segwenti:

[1] “il-kwantita` nnifisha tal-ammonti li jirrizultaw prelevati mill-attrici appellata, liema ammonti jikkonsistu f’eluf u eluf kbar ta’ liri Maltin. Dan biss fi spazju qasir ta’ sentejn jew tlett snin qabel il-ftuh tal-proceduri odjerni”;

[2] “il-fatt li l-kontendenti kienu ghadhom jghixu flimkien ma jibddilx il-fatt li l-attrici appellata seta’ dehrilha li tissokta bil-konvivenza mal-esponenti biss biex tkompli tilqa’ d-depoziti tal-hidma lukrattiva tal-esponent …. Ghalhekk il-fatt wahdu li l-attrici, fiz-zmien tal-prelevament, kienet ghadha qed tghix fid-dar konjugali, ma jesludix fih innifsu l-fatt tal-approprijazzjoni li hi ghamlet”;

[3] “li l-attrici appellata, meta giet kontro-ezaminata dwar il-prelevament li hi ghamlet, u dwar l-akkwist da parti taghha ta’ kaxxa ta’ depozitu bankarja, ma tat l-ebda twegiba jew spjegazzjoni sodisfacenti.”

[4] li Sallyanne fl-affidavit taghha spjegat li ommha riedet il-facilita` ta’ kaxxa ta’ depozitu bankarja, ghax kellha x’tistiva fiha madwar LM40,000.

[5] li, huwa minnu li l-appellant kien sab diffikulta` sabiex ikompli jhallas il-manteniment ordnat mill-Qorti, izda sussegwentement dan il-manteniment beda jinqata’ direttament mill-paga tieghu. Inoltre, kull bilanc ta’ manteniment dovut sa dak iz-zmien kien thallas meta l-appellata kienet espressament ordnata mill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tizbanka l-ammont dovut mill-flus depozitati fir-registru tal-Qorti.

Min-naha taghha l-appellata ssostni li l-prelevamenti ta’ dawn il-flus kienu saru ghall-bzonnijiet tal-familja tenut kont li l-partijet kienu ghadhom jghixu flimkien. Inoltre, ix-xhieda tat-tifla Sallyanne, b’referenza ghas-somma ta’ LM40,000, mhijiex veritiera, u din setghet kienet motivata b’motivi ulterjuri.

Fir-rigward, il-Qorti tosserva li mill-affidavit tal-imsemmija Sallyanne jirrizulta li ghall-habta ta’ <u>nofs is-sena 2006</u> l-appellata kienet avvicinatha sabiex tghinha tiftah *safety*

*deposit box* mal-Bank of Valletta, f'isem l-istess Sallyanne, biex tpoggi ammonti ta' flus, b'kollox madwar LM40,000 li hi kienet gibdet mill-kontijiet li l-partijiet kellhom mal-banek, u dan minghajr il-firma tal-appellant. Ix-xhud tghid li l-appellata kienet stivat dawn il-flus fil-kaxxa, u mbaghad hi tat iz-zewgt icwievet lill-istess appellata.

Matul il-kontro-ezami, l-appellata ammettiet li hi kellha *safety depozit box* mal-imsemmi bank, u li kienet poggiet xi flus, eluf, li hi kienet gibdet mill-kontijiet bankarji tal-komunjoni; izda tispjega li hi kellha bzonn dawn il-flus peress li kienet telqet mid-dar xahar u nofs u marret tghix go guesthouse; eventwalment meta rritornat lura, kien hemm xi xoghlijiet li saru fid-dar, bhal tibjid; u wkoll kienet tiehu minn hemm il-manteniment, ordnat mill-Qorti, u li zewgha ma kienx qed jaghtiha; tghid ukoll li kienet rebhet madwar LM5,000 mill-lotterja tal-VAT.

Illi din il-Qorti taccetta fuq bazi ta' probabbilita` li maz-zmien l-appellata setghet gibdet xi flus ghax kellha bzonnhom, biex thallas ghall-bzonnijiet tal-familja, inkluz ir-riparazzjonijiet li setghu saru fid-dar, [ghalkemm fir-rigward ma ngabet ebda prova], izda din il-Qorti hi tal-fehema li t-tezi tal-appellata tiddghajjef serjament tenut kont tal-fatt li mill-provi dokumentali prezentati mir-rapprezentanti tal-Banek, jirrizulta li: fis-sena 2005, bejn April u Settembru, u cioe` fi zmien hames xhur, gibdet somom ta' flus ammontanti komplessivament ghal LM19,740 [illum €45,994.2]; u fis-sena 2006 u cioe` mit-12 Jannar 2006 sa 3 Ottubru 2006, l-appellata gibdet somom ta' flus li jammontaw komplessivament ghas-somma ta' LM40,380 [illum €94,085.4]; u kwazi tlett xhur wara, f'Dicembru 2006 hija telqet mid-dar konjugali.

Illi rigward it-tezi taghha li minn dawn il-flus hija thallset tal-manteniment dovut lilha, il-Qorti tosserva li din it-tezi tinsab imdghajjfa bil-fatt li l-appellata kienet baqghet tippersisti bl-azzjonijiet penali li kienet ressqet kontra l-appellant quddiem il-Qorti Kriminali; u eventwalment l-appellata kienet accettat li tiehu l-manteniment dovut lilha <u>mill-flus depozitati fil-Qorti</u>.  Fl-udjenza tal-21 ta; Frar 2008

fil-kawza quddiem l-Qorti tal-Appell Kriminali gie verbalizzat li "il-parte civili [l-attrici] iffirmat il-prattici kollha biex tista' tizbanka l-manteniment lilha dovut sat-8 ta' Frar 2008 ghas-sodisfazzjoni taghha.[1]" Ghalhekk dak li kien hemm dovut lill-appellata sa' Frar 2008 thallsu mill-flus li kien hemm sekwestrati, u mhux mill-flus li l-appellata rtirat mill-banek.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li dan l-aggravju huwa fondat limitatament ghas-somma ta' LM62,580 [illum €145,811.4]; rapprezentanti LM40,00 li l-appellata ddepozitat fis-*safety box* f'nofs is-sena 2006, u LM8,240 [illum €19,199.2] u LM14,340 [illum €33,412.2] li hi zbankat sussegwentement fit-30 ta' Awissu u fit-3 ta' Ottubru 2006, u cioe` f'perjodu ta' xahar. Konsegwentement l-appellata qed tigi ordnata li tirriforndi lill-appellant nofs l-imsemmija somma ammontanti ghas-somma ta' €72,905.7 [ekwivalenti ghal LM31,290].

Il-hames aggravju – Dan l-aggravju jirrigwarda l-vettura tal-ghamla BMW 318 bin-numru ta' registrazzjoni GSA111 li l-attrici akkwistat fil-mori tal-proceduri, u li hi trasferiet lil terzi persuni. L-appellant jsostni li dina l-vettura kienet giet akkwistata mill-attrici waqt iz-zwieg, u ghalhekk tifforma parti tal-komunjoni tal-akkwisti; Ghaldaqstant qed jitlob li l-Qorti tiffissa l-valur taghha *arbitrio boni viri*, u li tordna lill-attrici thallas nofs dan il-valur lill-appellant.

Min-naha taghha l-appellata ssostni li din il-vettura qatt ma kienet taghha, izda kienet tan-neputi taghha li f'dak iz-zmien, peress li hu kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni, kien talabha sabiex il-vettura tigi registrata fuq isem zitu, l-appellata.

Fir-rigward, il-Qorti tosserva li l-provi huma skarsi ghall-ahhar, u hemm biss x-xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita` tat-Trasport li kkonferma li l-imsemmija vettura kienet fuq isem l-attrici mit-22 ta' Settembru 2006 sat-22 ta' Jannar 2007 meta giet trasferita lil terzi. Min-naha taghha l-attrici ma ressqitx prova dwar dak allegat

[1] Fol.366

minnha, u cioe` li l-vettura, ghalkemm registrata, fuq isimha ma kienitx taghha izda tan-neputi taghha; u ghalhekk, stante li jirrizulta provat li l-vettura kienet giet akkwistata fuq isem l-attrici waqt iz-zwieg, din il-vettura ghandha, fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, titqies bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bis-sahha tal-Artikolu 1320 tal-Kap. 16.

Illi rigward il-valur tal-vettura, jigi osservat li ma ngabux provi fir-rigward, u lanqas jirrizultaw fatti sufficjenti sabiex din il-Qorti tasal ghall-ammont *arbitrio boni viri*; ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti qed taccetta l-valur ta' €700 indikat mill-attrici fir-risposta taghha li fiha indikat li l-vettura kienet manifatturata fis-sena 1986.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa fondat, u l-attrici ghandha thallas lill-konvenut appellant is-somma ta' €350 nofs il-valur tal-imsemmi vettura.

<u>Appell mid-digriet tas-7 ta' Novembru 2011</u>

Illi l-appellant hass ruhu aggravat mid-digriet moghti mill-ewwel Qorti fis-7 ta' Novembru 2011 meta cahdet ir-rikors tieghu fuq il-bazi li l-kawza kienet giet imhollija ghas-sentenza. F'dan ir-rikors l-appellant talab sabiex il-Qorti tvarja d-digriet provvizorju moghti fit-3 ta' April 2007 li permezz tieghu hu kien gie ordnat li jhallas lill-appellata retta alimentarja ta' LM250 fix-xahar, u dan tenut kont tal-fatt li, kif jirrizulta mill-provi, huwa rtira mix-xoghol bil-konsegwenza li fiz-zmien tar-rikors beda jircevi pensjoni kontributorja ta' €200.17 fix-xahar; u ghalhekk mhuwiex fil-pozizzjoni li jkompli jhallas ir-retta alimentarja ffissata mill-Qorti.

Fir-rigward il-Qorti tosserva li, stante li, kif fuq deciz, l-appellata ddedkadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand l-appellat, u dan mill-15 ta' Ottubru 2007 'il quddiem, mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha fuq dan l-aggravju, stante li dak mitlub gie ezawrit.

**<u>L-Appell Incidentali tal-Attrici</u>**

L-appellata ressqet zewg aggravji li jirrigwardaw il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti.

<u>L-ewwel aggravju</u> – Dan l-aggravju jirrigwarda t-tezi attrici, kontenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, li fit-tmiem l-impieg tieghu l-konvenut ppercepixxa somma "sostanzjali ta' circa €63,000 izda mhux maghruf ezattament, li l-attrici saret taf li l-konvenut irceva f'dawn l-ahhar jiem, wara l-gheluq tal-provi, relatati mat-tmiem tal-impieg tieghu bhala haddiem tax-xatt."[2] Min-naha tieghu l-konvenut, fin-nota responsiva tieghu, issottometta li ma ngabux provi fir-rigward, u ghalhekk l-ewwel Qorti ma kienitx fil-pozizzjoni li taghti decizjoni fir-rigward.

Illi fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti, wara li osservat li ma kienux ingabu provi dwar din l-allegazzjoni, iddecidiet li thalli din il-kwistjoni mpregudikata, u ghalhekk astjeniet milli taghti gudizzju f'dan ir-rigward; izda fil-parti operattiva tas-sentenza ordnat li "Il-flus depozitati fir-registru tal-Qorti u dawk depozitati f'isem il-partijiet, sija wahedhom u sija flimkien f'kontijiet bankarji …. Jinqasmu f'ishma ndaqs bejn il-partijiet."

L-aggravju tal-attrici huwa fis-sens li, skont hi, nofs il-flus ppercepiti mill-konvenut fit-tmiem tal-impieg tieghu jinsabu depozitati fir-registru tal-Qorti, u li dawk hekk depozitati jirrapprezentaw sehemha mill-ammont percepit, b'mod li jekk dawn ser jergghu jinqassmu, hija ser tiehu anqas mis-sehem taghha skont il-ligi. Min-naha tieghu l-konvenut jghid li din l-asserzjoni "hija asserzjoni gratuwita u nfondata. Is-somma li giet depozitata tirrapprezenta s-somma shiha li l-esponenti kien intitolat ghaliha wara li rtira mill-impieg tieghu bhala haddiem tax-xatt."

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li dan l-aggravju jistrieh fuq fatti allegati mill-attrici li pero` ma gewx provati; u tenut kont li l-oneru tal-prova tal-fatti li fuqhom l-attrici bbazat l-aggravju, kien jispetta lilha, dan l-aggravju qed jigi meqjus bhala nfondat stante li ma jsibx sostenn fil-provi.

---

[2] Fol.582

Ghaldaqstant l-aggravju tal-attrici huwa parzjalment fondat fis-sens li fil-parti operattiva tas-sentenza l-ewwel Qorti ma semmietx ir-rizerva li hi kienet ghamlet dwar din is-somma.

It-tieni aggravju – Dan huwa fis-sens li, ghalkemm il-vetturi BBH064 u DBF823, registrati f'isem l-attrici, gew assenjati lilha, dawn il-vetturi kienu fil-pussess tal-konvenut li minnhabba nuqqas tieghu "hemm numru ta' multi li sallum jammontaw ghat-total ta' €4,930.15"; u ghalhekk dawn il-multi ghandhom ghall-anqas, jekk ma jigux addebitati lill-konvenut, ghandhom jitqiesu bhala debitu tal-komunjoni tal-akkwisti. Min-naha tieghu l-konvenut jirribatti billi jghid li "ma jirrizulta minn imkien fil-process li jezitu dawn il-multi jew penali."

Fir-rigward din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, tosserva li ma ngabux provi, u ma gietx provata l-ezistenza ta' dawn il-multi allegati mill-attrici.

Ghaldaqstant dan l-aggravju mhux fondat.

**Decide**

Ghaldaqstant tiddisponi mill-appell ewlieni tal-konvenut billi:

[1] fid-decizjoni dwar it-tieni talba, fejn applikat fil-konfront tal-konvenut id-dispost tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 fl-intier tieghu, jizdied ukoll li dan l-istess artikolu fl-intier tieghu japplika wkoll ghall-attrici;

[2] fir-rigward tad-decizjoni dwar il-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, tirrevoka dik il-parti fejn l-ewwel Qorti assenjat lill-konvenut "kreditu kontra Sallyanne Abela ghall-valur ta' €12,811"; u b'mod li allura l-attrici ghandha thallas lill-konvenut bhala ekwiparazzjoni s-somma ta' €8,310[3]; u konsegwenzjalment tirrevoka dik il-parti fejn l-ewwel Qorti

[3] €408,800 [il-valur ta' sehem-attrici] - €400,490 [il-valur ta' sehem-il-konvenut] = €8,310

ordnat lill-konvenut ihallas is-somma ta’ €2,250.50, u minflok, tordna li l-attrici thallas lill-konvenut bhala ekwiparazzjoni l-imsemmija somma ta’ €8,310;

[3] temenda dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ddisponiet mill-komunjoni tal-akkwisti, billi wkoll tordna li l-attrici tirrifondi lill-konvenut l-imsemmija somma ta’ €72,905.7 [ekwivalenti ghal LM31,290]; tordna wkoll li l-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta’ €350, sehemu mill-valur tal-vettura fuq indikata.

Tiddisponi mill-appell incidentali tal-attrici billi tichdu fl-intier tieghu.

Tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

L-ispejjez tal-appell tal-konvenut ghandhom jinqasmu bejn iz-zewg partijiet f’porzjonijiet ugwali; filwaqt li dawk tal-appell incidentali tal-attrici ghandhom ikunu a kariku tal-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------